



# Il-Bradella ta' Santa Katarina f'għeluq il-Mitt Sena tagħha 1911 - 2011

*Kitba ta' Vincent Abela*

Nistgħu ngħidu li fil-Knisja tagħna ż-Żwieten għanda numru sabiħ ta' xogħlijiet ta' ebbenistrija li jżejnu lil dan it-tempju ddedikat lil Santa Katarina. Propju waħda minn dawn l-opri sbieħ bla dubju hija l-bradella ta' Santa Katarina. U din is-sena hija importanti aktar minn snin oħra, għaliex kien ezatt mitt sena ilu li din il-bradella ġiet inawgurata u mżanżna għall-ewwel darba.

Bħala informazjoni ddokumentata jidher li ftit li xejn teżisti. Dan jista' jkun minħabba l-fatt li l-imgħallmin li ħadmu fuq il-bradella għamlu dan ix-xogħol bla ħlas. Probabli li minn naħa tal-knisja ngħataw xi rigal ċkejken bħala ringrazzjament ta' dan ix-xogħol li għamlu.

Ix-xogħol fuqha aktarx li beda għall-ħabta tal-1904. Kienu erba' mgħallmin Żwieten li ddecidew li jidħlu għal din il-biċċa xogħol. Dawn kienu Spiru Ellul, magħruf bħala l-Imkemmxa, li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fejn illum hemm il-workshop li jaħdmu fih ir-residenti ta' Dar Nazzaret, filwaqt li d-dar residenzjali tiegħu kienet fit-Triq Beland. Dan Spiru Ellul għamel ħafna snin bħala prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira u li fi żmienu saru wkoll numru ta' opri li ntuzaw għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan miet fis-26 ta' Frar tal-1963 fir-residenza tiegħu fit-triq Beland. Mgħallem ieħor kien Leli Caruana ta' Messa, li l-ħanut tax-xogħol tiegħu kien fi Triq Ħabel ix-Xagħir, fejn ukoll kien joqgħod. Iż-żewġ imgħallmin l-oħra probabilment kienu ċertu Ġanninu ta' Betti u ieħor magħruf bħala Żera Żera, li aktar tard emigra lejn l-Awstralja.



*Spiru Ellul 1880-1963*

Bħala Żwieten li kellhom għal qalbhom ir-raħal kif ukoll il-parroċċa, iddeċidew li jaħdmu din il-biċċa xogħol ta' ebbenistrija bla ħlas. Biex l-għajxien tagħhom ma jiġix affetwat, ix-xogħol fuqha kien isir biss il-Ħadd kif ukoll fil-festi kmandati. Il-post li probabilment intgħażel biex tinħadem din il-biċċa xogħol kien x'imkien fil-ġnien li kien imiss mal-oratorju.

Id-disinn għaliha sar mill-ebbanista Guzeppe Decelis. Dan twieled il-Birgu fl-1866 u miet fl-1958 f'Raħal Gdid fejn kien joqgħod. Fil-knisja parrokkjali tagħna għandna bosta xogħlijiet li saru fuq disinji tiegħu. Xi wħud minn dawn ix-xogħolijiet huma l-bandalora ta' S.P.Q.R. u s-sodda tal-Monument, li jinħarġu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Xogħol ieħor ta' Decelis li nsibu fil-parroċċa tagħna huwa d-disinn għal famuż tużell li bla dubju ta' xejn huwa wieħed fost l-isbaħ li nsibu fil-parroċċi ta' dawn il-gżejjer.

"kien ezatt mitt sena ilu li din il-bradella giet inawgurata u mżanżna għall-ewwel darba"

Flimkien mal-erba' mgħallmin Żwieten li ħadmu fuq il-bradella, ta s-sehem tiegħu wkoll il-famuż ebbanista Manuel Buhagiar. L-istess bħal Decelis, Manuel Buhagiar twieled il-Birgu fl-1876 imma miet f'Ħal Tarxien, fejn kien jgħix fl-1962. Għall-knisja tagħna, fost xogħlijiet oħra, Manuel Buhagiar ħadem ukoll ix-xogħol tal-injam, kif ukoll l-iskultura tas-sodda tal-monument u x-xogħol ta' skultura tat-tużell. Aktarx li s-sehem ta' Buhagiar fuq il-bradella ta' Santa Katerina kien fix-xogħol tal-interzjar tal-wicc tal-bradella.

Tissemma wkoll persuna oħra li kienet involuta f'din il-biċċa xogħol, li aktarx kienet mir-Rabat. Probabilment li l-kontribut ta' din il-persuna kien fix-xogħol tal-iskultura.

Fid-disinn tal-bradella, Guzeppe Decelis irnexxielu jikkombina b'mod tajjeb ħafna l-istorja tal-ħajja ta' Santa Katarina kif ukoll parti mill-istorja taż-Żejtun. Dan għamlu billi fil-faċċata tal-bankun fil-panew tan-nofs għamel l-istemma taż-Żejtun, iddekorata bil-friegħi taż-Żebbuġ, li huma tal-fidda, u fit-tliet panewijiet l-oħra tan-nofs għamel l-istemmi tal-irħula li ħarġu miż-Żejtun, jiġifieri Marsaxlokk, Ħal Għaxaq u Ħaz-Żabbar. Fil-faċċata, fil-panewijiet tal-ġnub, hemm il-palma fuq in-naħa tal-lemin, simbolu tal-martri, kif ukoll il-gilju fuq in-naħa tax-xellug, li jissimbolizża l-purita', it-tnejn li huma tal-fidda wkoll. Fil-panewijiet l-oħra skolpiti hemm simboli mill-ħajja u l-martirju tal-qaddisa.

Fil-faċċata ta' wara, fil-panew tan-nofs, hemm l-istemma ta' Marsaxlokk, u fiż-żewġ panewijiet tal-ġnub insibu fuq in-naħa tal-lemin ix-xabla, li tfakkarna fil-qtugħ ir-ras tal-qaddisa, imdawra b'kuruna tar-rand, simbolu tal-ġieħ. Fuq n-naħa tax-xellug hemm il-ħabs imdawwal bis-stilla, li l-qaddisa kienet miżmuma fih qabel ma ġiet maqtula permezz tal-qtugħ ir-ras.



*L-istemma taż-Żejtun bil-friegħi taż-Żebbuġ, li qiegħda fil-faċċata tal-bradella*



*L-istemma ta' Marsaxlokk, li nfired miż-Żejtun fl-1897*



*L-istemma ta' Ħaż-Żabbar, li nfired miż-Żejtun fl-1615*



*L-istemma ta' Ħal Għaxaq, li nfired miż-Żejtun fl-1626*

Fil-faċċata tal-lemin hemm l-istemma ta' Ħal Għaxaq u fil-panewijiet tal-ġnub naraw l-istrumenti tat-tortura li ntużaw fuq il-qaddisa qabel qatgħulha rasa. Fil-panew tax-xellug hemm ir-rota bix-xfafar u s-sawt u f'dak tal-lemin insibu l-mannara mdawra b'katina, li tfakkarna f'kif il-qaddisa kienet tinżamm marbuta meta kienet maqfula ġewwa l-ħabs.



*Ix-xabla tfakkarna fil-qtugħ ir-ras, u r-rand, simbolu tal-ġieħ*



*Il-ħabs, fejn kienet maqfula l-qaddisa, mdawwal bi stilla*



*Ir-rota bi xfafar u sawt li kienu jintużaw għat-tortura*



*Il-mannara u l-katina, strumenti oħra ta' tortura*

Fuq il-faċċata tax-xellug insibu l-istemma ta' Ħaż-Żabbar, u fuq iż-żewġ panewijiet tal-ġnub hemm l-għaxar kmandamenti u s-salib, li juru l-wirja tal-fidi n-naħa tax-xellug, u fuq in-naħa tal-lemin naraw ix-xettru u l-kuruna, simbolu tal-prinċpijiet.

Għaliha ġew magħżula tliet kwalitajiet ta' njam differenti. Il-ġewż Amerikan (Junglas Nigra), li huwa l-injam tal-kulur kannella skur li ntuża għall-wiċċ, pilastri, ingwarniċi, zokklatura, xi biċċiet mill-iskultura, kif ukoll il-pedata. Insibu wkoll l-ebbanu (Diospyros Crassiflora), li huwa l-injam iswed li naraw fil-panewijiet u f'xi partijiet mill-interzjar tal-wiċċ. Nsibu wkoll il-bux (Buxus Semprevirens), li ntuza għall-interzjar tal-wiċċ tal-bradella u f'ħafna mill-iskultura. Din l-għażla ta' tliet tipi ta' njam differenti kienet important, għax b'hekk ġie żgurat li jinħoloq kuntrast fid-derha tal-bradella.

Nassumu li Guzeppe Decelis, barra d-disinn, kien ukoll involut fl-għazla ta' xi kwalità ta' njam jintuza. Ġiet użata wkoll il-fidda, li apparti mis-simboli tal-faċċata, intużat ukoll kemm għall-istemmi flok il-kulur abjad, kif ukoll għal xi ornamenti. Bla dubju ta' xejn nistgħu ngħidu li dawn l-erba' mgħallmin Żwieten, bil-ħila u l-kapaċità tagħhom, tawna waħda mill-isbaħ bradelli li qed iżżejjen il-knisja tagħna. Li kieku ma kellhomx għal qalbhom ir-raħal kif ukoll il-parroċċa, żgur ma kinux sa jidħlu għal dan l-impenn, li jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom għal numru ta' snin bla ma jitħallsu ta' xogħlhom. Għalihom ukoll kienet opportunità li b'din il-biċċa xogħol juru l-kapaċità u l-majjestrija li kellhom fis-sengħa tax-xogħol tal-injam.

" b'din il-bicca xogħol juru l-kapacità u l-majjestrija li kellhom fis-sengħa tax-xogħol tal-injam."

Imma bħal kull xogħol ieħor, kemm iż-zmien kif ukoll trattamenti u nterventi mhux addattati, ħallew l-effett tagħhom fuq il-bradella. Problema oħra li jidher li kellha kienet li maż-żmien, fuq il-bradella akkumula ammont konsiderevoli ta' lostru (Gomma lakka), li għal snin kienet tiġi applikata bl-iskop li jkollha dehra friska ta' lostru. Dan maż-żmien ikkawża tibdil fid-derha tal-bradella, speċjalment fl-injam l-isfar tal-Bux, li spiċċa tilef id-dehra safranija tiegħu, li intenzjonalment kellu skop ta' kuntrast mal-kumplament tal-injam l-ieħor.



L-Għaxar kmandamenti u s-salib, turija tal-fidi



Ix-xetru u l-kuruna, simboli tal-prinċpijiet



Il-ġilju, li huwa tal-fidda, simbolu tal-purità



Il-palma tal-fidda, simbolu tal-martirju, bil-kuruni tad-deheb, Għerf, Safa u Martirju

Kawza ta' din il-kundizzjoni, għal ħabta ta' tard fil-ħamsinijiet jew kmieni fis-sittinijiet, inħasset il-ħtieġa li jsir tentattiv biex il-bradella titnaddaf mill-akkumulazzjoni ta' lostru zejjed. Biex sar dan l-intervent, kien hemm il-ħtieġa li l-ewwel ħaġa, il-bradella tiġi zarmata minn kull biċċa skultura, xogħol li huwa necessarju li jsir meta wieħed jikkunsidra l-kwantita tal-biċċiet ta' skultura li fiha. Dan ix-xogħol jidher li sar mingħajr dokumentazzjoni, u bla ma ttieħdet nota eżatta tal-post u l-pożizzjoni preċiza ta' kull biċċa skultura. Minħabba li oriġinarjament l-iskultura kienet mizmuma postha permezz ta' msiemer irqaq, meta bdiet tizzarma, l-iskultura kellha tiġi llivata. Minħabba dan il-fatt, ħafna mill-iskultura nkisret jew ukoll spiccat b'imsiemer imqaċċta ġewwa. Minn dan l-intervent jidher ukoll li t-tindif kien sar b'mod selettiv, għar-raguni li l-iskultura kollha tal-ġewż kellha konċentrazzjoni ta' lostru, li jindika li ma kien sarilha l-ebda tindif. Kien evidenti li t-tentattiv biex titnaddaf l-iskultura tal-bux ma sarx b'mod omogenju, iżda tħalla ammont konsiderevoli ta' lostru, speċjalment f'ħafna rkejjen u f'postijiet li kienu diffiċli biex jitnaddfu.

Wara li reġgħet ġiet illustrata, reġgħu ntużaw ammont konsiderevoli ta' msiemer biex jerġa' jitwaħħal kollox f'postu. Probabilment, peress li ma kinitx ittieħdet nota tal-post eżatt ta' kull biċċa skultura, kien hemm biċċiet li ma reġgħux twaħħlu fejn kienu oriġinarjament intenzjonati, u biċċiet oħra li tbidlilhom posthom. Kien hemm biċċiet ta' skultura li kellhom evidenza li biex setgħu jerġgħu jittwaħlu, kellu jittqattgħalhom xi ftit minnhom, peress li ma tpoġġewx fil-post oriġinali.



*Biċċiet mill-iskultura li ma' kinitx twaħħlet kif suppost*

## L-INTERVENTI MEĦTIEĠA

Kien għalhekk li nħasset il-ħtieġa li wara kważi seklu, kien wasal iż-żmien li din il-bradella tiġi rrestawrata u konservata biex terġa' tieħu d-dehra sabiħa li originarjamet kellha. Minħabba l-kundizzjoni li kienet fiha, kien evidenti li x-xogħol ta' restawr kien se jieħu aktar minn sena. Għalhekk dan ix-xogħol kellu jitqassam f'numru ta' fażijiet, biex il-bradella tkun tista' xorta taqdi l-funzjoni tagħha fil-festa.

Kien important li qabel kull intervent fuq il-bradella, din tiġi ddokumentata permezz ta' ritratti, kemm għal ħsarat kif ukoll bħala referenza għal meta tkun se terga' tiġi poġġuta l-iskultura f'postha. Wara li f'kull fażi ttieħdu r-ritratti neċessarji, beda ż-żarmar tal-iskultura u l-fidda, b'kull biċċa reġgħet giet fotografata kif ukoll immarkata l-pożizzjoni tagħha. Qabel beda t-tindif ta' kull biċċa, ġew maqlugħin l-imsiemer kollha, anke dawk li kienu mqaċċta ġewwa. L-ingwarniċi li kienu maqtugħin mill-kolla u kienu miżmuma biss permess tal-imsiemer, ġew maqlugħin u mnaddfa wkoll mill-akkumulazzjoni żejda ta' kolla. Meta kollox ġie mnaddaf mill-lostru, bdew jiġu msewwijja l-ingwarniċi li kienu miksura, u dawk li kellhom il-bicciet imtajra saritilhom iż-żieda neċessarja. L-ingwarniċi li ma kinux oriġinali u ma kinux magħmula b'mod tajjeb, ġew magħmula mill-ġdid mill-istess tip ta' njam li hija magħmula minnu l-bradella.



*L-istess biċċiet ta' skultura mwaħħla sewwa*

Il-biċċiet tal-iskultura kollha li kellhom partijiet minnhom li maż-żmien kienu saru mill-ġdid b'mod xejn tajjeb, reġgħu inhadmu mill-ġdid. Saru wkoll il-bicciet kollha li kienu nieqsa, kif ukoll l-iskultura li ma kinitx oriġinali reġgħet inħadmet mill-ġdid. Kull fejn kien hemm fuljetta mkissra ġiet imsewwija, u l-fuljetta ddistakkata mill-kolla reġgħet ġiet inkullata mill-ġdid. Il-fidda kollha ttieħdet għand l-arġentier Anthony Aquilina biex tiġi rranġata il-ħsara kif ukoll biex titnaddaf.

"dan kollu ma kienx ikun possibli li ma kienx għal kontribut kbir li ta Dun Gino Gauci"

Il-mod ġdid ta' kif kellu jerġa' jitwaħħal kollox f'postu kien importanti li jippermetti li meta jkun hemm il-ħtiega li tiżżarma, dan isir bla ebda ħsara. Għalhekk, minflok imsiemer intużaw kamini rqaq tal-metall li permezz ta' skorfini jkunu jistgħu jintrabtu minn ġewwa tal-bradella. Dan il-metodu intuża wkoll għal kull parti tal-fidda. Mat-tmien roti oriġinali li kellha żdiedu wkoll ammont sostanzjali ta' roti biex tkun aktar faċli għal-bradella li titmexxa. Inħadmet ukoll min Alex Schembri b'għajnuna ta' Mark Busuttil, bicca apparat apposta biex meta l-vara ta' Santa Katarina minn ġon-niċċa tkun qed titpoġġa fuq il-bradella, ma ssir l-ebda ħsara. Fl-aħħar kien jonqos ix-xogħol delikat tal-lostru bit-tajjara, li sar minn Ludric Vella.

B'hekk illum, mitt sena wara li l-erba' mgħallmin Żwieten, b'sagrifiċju u impenn, irregalawlna din l-opra ta' ebbanistrija, nistgħu nkomplu ingawduha għal ħafna snin oħra. Imma dan kollu ma kienx ikun possibli li ma kienx għal kontribut kbir li ta Dun Gino Gauci, li bis-saħħa tiegħu seta' jsir dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr. ■

**Jagħlqu mitt sena wkoll...**

Din is-sena l-istandard l-antik tal-fratellanza tar-Rużarju jagħlaq mitt sena. L-istandard inhadem fuq id-disinn ta' Ġużeppi Baldacchino li kien President tal-Għaqda Mużikali Beland. Baldacchino ħadem fuq diversi xogħlijiet ġewwa l-knisja tagħna fosthom in-niċċa tal-istatwa ta' Santa Katarina. Jagħlaq mitt sena wkoll il-vent'artal irrakkmat tal-artal ta' San Ġużepp.

**Jagħlqu mitt sena ukoll...**

Din is-sena l-istendard l-antik tal-fratellanza tar-Rużarju jagħlq mitt sena. L-istendard inhadem fuq id-disinn ta' Ġużeppi Baldacchino li kien President tal-Għaqda Mużikali Beland. Baldacchino ħadem fuq diversi xogħlijiet ġewwa l-knisja tagħna fosthom in-niċċa ta' l-istatwa ta' Santa Katarina. Jagħlaq mitt sena wkoll il-vent'artal irrakkmat ta' l-artal ta' San Ġużepp.